



Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15146/23

LIMITE

PECHE 492

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0301(NLE)**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra - Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Kunsill fit-28 ta' Awwissu 2023¹. Fid-19 ta' Settembru hija ppreżentat dokumenti informali li fihom aġġornamenti għall-proposta dwar l-aringa tal-Golf tal-Bothnia, l-aringa tal-Baltiku tal-Punent u Ċentrali, il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent, kif ukoll il-barbun tat-tbajja' u l-laċċa kaħla²; fis-17 ta' Ottubru biex tiġi introdotta flessibbiltà bejn iż-żoni għall-merluzz tal-linja sewda mill-Baħar tat-Tramuntana sal-ilmijiet tal-UE ta' Skagerrak/Kattegat³; u fl-20 ta' Ottubru li fihom aġġornamenti għall-proposta rigward it-TAC għall-merluzz tan-Norveġja⁴.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta waqt il-laqgħat tiegħu tas-7 u l-21 ta' Settembru, kif ukoll tal-5 u d-19 ta' Ottubru 2023. Il-kummenti bil-miktub tad-delegazzjonijiet jistgħu jiġu kkonsultati fid-dokumenti 13056/23 + ADD 1-4.
3. Fl-20 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħejja l-punt billi indirizza l-kwistjonijiet pendenti bil-ħsieb li jinstab qbil politiku fil-Kunsill.

¹ Dokument 12451/23 + ADD 1.

² Dokument 12996/23.

³ Dokument 14189/23.

⁴ Dokument 14254/23.

4. Il-Kunsill Agrikoltura u Sajd laħaq qbil politiku⁵ fis-sessjoni tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2023.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill jadotta, f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li ġejjin, ir-Regolament kif inhu ffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument ST 14771/23 u jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet li jinsabu fid-dokument 14816/23.

⁵ Dokument 14499/1/23 REV 1